

32000R2451

8.11.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 282/7

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2451/2000****tas-7 ta' Novembru, 2000,**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1622/2000, li jipprovdi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid u li jistabilixxi kodiċi tal-Komunità dwar prattika u proċessi enoloġiċi, f'dak li għandu x'jaqşam ma' Anness XIV**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju, 1999, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid <sup>(1)</sup>, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1622/2000 <sup>(2)</sup>, u partikolarment Artikoli 43 u 46 tiegħu,

Billi:

- (1) Anness V (Ċ) (4) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jipprovdi li l-limiti tal-qawwa alkoħolika ta' nbid bil-volum jistgħu jiddedju sa wieħed fil-mija (1 %) fi snin meta l-kondizzjonijiet tat-temp ikunu tassew iżgħira.
- (2) Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1622/2000 jipprovdi li dawn is-snin b'temp tassew iżgħira u ż-żoni fejn jtkabbar l-għeneb għall-inbid tar-reġjuni ġeografiki u tal-varjetajiet li għandhom x'jaqsmu għandhom jissemmew f'Anness XIV ta' dan ir-Regolament.
- (3) Minħabba t-temp tassew iżgħira matul l-2000, il-limiti fuq iż-żjediet fil-qawwa alkoħolika naturali stabbiliti f'Anness V (E) ma jippermettux il-produzzjoni ta' l-inbid fir-reġjunijiet fir-Renju Unit fejn jtkabbar l-għeneb għall-inbid li għalihom soltu jkun hemm talba fis-suq. Ir-Renju Unit għandu għalhekk ikun awtorizzat li jżid il-qawwa alkoħolika naturali b'sa 4,5 % vol, u li s-sena li għaliha tapplika din id-deroga, flimkien ma' l-informazzjoni l-oħra rilevanti, għandhom jiddaħħlu f'Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1622/2000.
- (4) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni ta' l-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1622/2000 huwa b'dan supplimentat kif ġej:

"Sena	Żona fejn jtkabbar l-għeneb għall-inbid	Reġjun ġeografiku	Varjetà (fejn tapplika)	
1.	2000	A	Ingilterra, Wales	Auxerrois, Chardonnay, Ehrenfelser, Faber, Huxelrebe, Kerner, Pinot Blanc, Pinot Gris, Pinot Noir, Riesling, Schonburger, Scheurebe, Seyval Blanc u Wurzer"

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jkun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

<sup>(1)</sup> ĠU L 179, ta' l-14.07.99, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 194, ta' l-31.07.00, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 7 ta' Novembru, 2000.

*Għall-Kummissjoni*  
Franz FISCHLER  
*Membri tal-Kummissjoni*

---